MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 1521/1998/1

**Joyce Borg u zewgha Amabile Borg**

**vs**

**Quality Shoes Limited**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ippresentata mill-atturi fis-16 ta' Lulju, 1998, li *in forza* taghha, wara li ppremettew :

Illi l-attrici Joyce Borg kienet impjegata mas-socjeta' konvenuta u kienet tahdem fil-fabbrika tas-socjeta fil-Qasam Industrijali ta' San Gwann;

Illi fl-10 ta’ Lulju 1996, l-attrici, waqt li kienet fuq xogholha fil-fabbrika, waqghet, imhabba l-istat hazin u perikoluz tal-art tal-fabbrika, u b’konsegwenza ta’ dan, l-attrici garrbet griehi ta’ natura gravi u permanenti, kif jirrizulta mic-certifikat mediku anness u mmarkat Dok. A;

Illi b’hekk l-attrici soffriet u qeghda issofri danni li ghalihom is-socjeta’ konvenuta hija responsabbli skond il-ligi;

Talbet li s-socjeta’ konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

(1) Tiddikjara li s-socjeta’ konvenuta kienet responsabbli ghall-incident li sehh fil-fabbrika taghha f’San Gwann fl-10 ta’ Lulju 1996 li fih l-attrici garrbet griehi gravi u ta’ natura permanenti, u ghalhekk is-socjeta’ konvenuta hija responsabbli ghad-danni kollha konsegwenzjali skond l-ligi li l-attrici sofriet u ser issofri;
(2) Tillikwida d-danni kollha skond il-ligi li ghalihom l-attrici ghandha dritt u;
(3) Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lill-attrici d-danni hekk likwidati, u taghmel dan fi zmien prefiss; bl-ispejjez u bl-imghax sal-gurnata tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta’ konvenuta, li r-rapprezentanti taghha huma ingunti ghas-subizzjoni; bl-ispejjez ukoll tal-ittra ufficjali tat-23 ta’ Gunju 1998;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u il-lista tax-xhieda ta’ l-atturi;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta Quality Shoes Limited, *in forza* taghha hija eccepiet :

1) Illi t-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom, billi l-incident in kwistjoni ma sarx b’tort tal-eccipjenti kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u ghalhekk l-eccipjenti ma hiex responsabbli ghall-ebda hlas ta’ danni;
2) Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u il-lista tax-xhieda tas-socjeta’ konvenuta Quality Shoes Limited;

Semghet lix-xhieda li tressqu, il-provi li gew prodotti, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi minkejja li inghataw l-opportunita sabiex jaghmlu dan, il-partijiet ma ipprezentawx noti ta' sottomissjonijiet;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-attrici xehdet illi hija kienet impjegata fil-fabbrika tal-Quality Shoes f'San Gwann u kienet taghmel 'hand work'. Hija kellha paga ta' madwar erbgha u disghin lira Maltin (LM 94) kull hmistax u dan fl-1996. Hija xehdet illi fl-10 ta' Lulju 1996 waqt li kienet qeghda iggorr kaxxa taz-zraben ghal fuq il-pressa, sieqha dahlet f'hofra li kien hemm fl-art tal-fabbrika waqghat ghall wiccha, u idejha il-leminijia dahlet fil-hadid tal-conveyer. Ittiehdet l-isptar fejn sabu li kienet kisret zewgt iswaba ta' idha il-leminija. Damet tlett gimghat bil-gibs, ghamlet erbgha gimghat tiehu messaggi id-dar u damet madwar sitt xhur ohra tmur darbtejn l-isptar sabiex isirulha il-messaggi. Hija xehdet illi iz-zewgt iswaba baqghet ma tistax iccaqlaqhom. Hija xehdet ukoll illi xahrejn wara l-incident il-fabbrika ghalqet u hija ma baqghetx tithallas u illum tiehu pensjoni tal-invalidita madwar erbgha u tmenin lira u tnejn u hamsin centezmu Maltin (LM84.52) kull xahar. Hija xehdet illi hija mizzewga ghandha erbghat itfal, ir-ragel huwa disokkupat u hija xehdet ukoll illi hija hallset madwar hamsin lira Maltin (LM50) ghall-ispecjalista u madwar disghin lira Maltin (LM90) ghat-terapija illi inghatat tort ta' l-incident in kwistjoni.

Illi xehed il-Professur Carmel Apapa Bologna u qal illi l-attrici kienet pazjenta tieghu. Huwa ikkonferma ic-certifikat li kopja tieghu tinsab esebita a fol. 5 tal-process u gharaf il-firma tieghu fuq dan ic-certifikat. Huwa xehed illi kien ra lill-attrici anke wara li kien irrilaxxalha ic-certifikat, fejn iccertifika li hija issofri minn disabbilita ta' ghoxrin fil-mija. Il-Professur Apap Bologna kompla jixhed

illi il-kundizzjoni ta’ subghajha baqghet l-istess bhal meta kien irrilaxxja ic-certifikat tieghu.

Illi xehdet ukoll Anna Vella illi f’Ottubru 1996 kienet tahdem bhala conveyor operator mas-socjeta’ konvenuta. Hija ftakkret lil dakinhar ta’ l-incident kienet qeghda tahdem fil-fabbrika fejn kienet ukoll qeghda tahdem l-attrici li kienet operator u kienet qeghda tahdem fuq il-kolla. Ix-xhud qalet li l-attrici kienet ‘il boghod minnha qisu inqas minn nofs il-wisgha ta’ l-awla tal-Qorti. L-attrici f’hin minnhom qamet minn postha u waqt li kienet ghaddejja minn warajha semghteha tghid “ajma” umbaghad ratha ma l-art. Sussegwentement kienu qalulha li l-attrici kienet waqghet.

Illi xehed ukoll Raymond Zammit li fiz-zmien in kwistjoni kien jahdem bhala shop steward mas-socjeta’ konvenuta. Huwa ikkonferma li anke dak iz-zmien kienet tahdem fl-istess fabbrika l-attrici u illi huwa kien prezenti meta sehh l-incident. Ix-xhud qal illi fil-hin ta’ l-incident kien qieghed ikellem lil xi hadd mid-designers, f’hin minnhom semgha storbju, hares u ra lill-attrici ma l-art fost hafna kaxxi. Mar biex jara x’kien gralha u biex jaghtiha l-ewwel ghajnuna. Huwa qal illi l-attrici kienet qeghda tghajjat bl-ugiegh, haduha f’wiehed mill-ufficini sa kemm ittiehdet l-isptar. Huwa xehed illi ma setghax jghid kif gara l-incident, izda jaf li fejn gara l-incident minn dejjem kien hemm il-hofor fl-art. In kontro-ezami, ix-xhud ikkonferma li meta semgha l-istorbju mar fejn kienet qeghda ma l-art l-attrici. Huwa qal illi xoghol l-attrici dak il-hin kien jew li titni z-zraben, jew inkella li tinkolla iz-zraben, pero’ fi kwalunkwe kaz kellha tqum biex iggib iz-zraben hi. Ix-xoghol kien isir bil-mod illi kien hemm xi hadd li kien inehhi il-kaxex minn fuq il-conveyor, il-kaxex kienu jkunu kaxex kbar b’ghoxrin (20) jew tletin (30) par zarbun fihom u ix-xoghol kien jirrikjedi illi l-attrici tqum kull darba u tiehu wahda minn dawn il-kaxex u tahdem fuq iz-zraben li jkun hemm fil-kaxex. Huwa ma rax feriti dak il-hin, izda semgha lill-attrici tghajjat “ajma, ajma,” izda ma qaltlux fejn kellha l-ugiegh.

Illi l-Qorti rat id-digriet taghha tat-18 ta’ April 2005 li permezz tieghu innominat lit-Tabib Mr Charles Grixti bhala

espert mediku sabiex jezamina lill-attrici u jirrapporta dwar disabbilita permanenti li setghet sofriet l-attrici bhala konsegwenza ta’ l-incident mertu ta’ din il-kawza.

Ikkunsidrat :

Illi in kontro-ezami l-attrici xehdet illi kienet ilha sentejn tahdem fil-fabbrika tas-socjeta’ konvenuta qabel ma gara l-incident in kwistjoni u li hija kienet taf bil-hofra li waqghet fiha, izda meta waqghet kienet qeghda igorr il-kannestru u il-hofra ma rathiex. Hija kompliet tixhed illi ghadha thoss l-ugiegh kemm f’wiehed mis-swaba li kisret, kif ukoll f’irkobbtejha u illi hadet il-messaggi kemm f’subghajha u kif ukoll f’idejha. Hija xehdet illi mal-ewwel hadet ic-certifikat li kien hargilha il-Professur Apap Bologna lis-socjeta’ konvenuta u meta haditilhom ic-certifikat il-paga taghha bdiet tithallas il-parti mis-socjeta’ konvenuta u in parti minn National Insurance. Hija ikkonfermat illi xahrejn wara l-incident, il-fabbrika tas-socjeta’ konvenuta kienet ghalqet u illi l-impjegati kollha tas-socjeta’ konvenuta kienu hadu somma, izda hi ma kienitx haditha.

Illi regghet xehdet l-attrici in kontro-ezami u qalet illi tiftakar illi kien jahdem certu Joe Degiorgio mas-socjeta’ konvenuta, izda ma ftakritx li saret xi applikazzjoni da parti tas-socjeta’ konvenuta sabiex hi tircievi xi beneficcju. Hi kienet tiehu xi haga mill-Labour Office, izda ma ftakritx kemm kienet tiehu u qalet illi damet tiehu dan il-beneficcju sa kemm ghalqet il-kumpanija tas-socjeta’ konvenuta u dan kien xi sena wara li sehh l-incident in kwistjoni. Hija xehdet illi qatt ma kelmet lil Joe Degiorgio dwar l-incident in kwistjoni.

Ikkunsidrat :

Il-Qorti rat ir-rapport mediku maghmul mill-Kirurgu Mr Charles Grixti illi gie ikkonfermat minnu bil-gurament waqt is-seduta tal-15 ta’ Mejju 2006.

Illi l-espert mediku innominat mill-Qorti wasal ghas-segwenti konkluzjoni :

"Joyce Borg sofriet ksur fis-seba tan-nofs u tal-werrej ta' l-id il-leminija kagun ta' l-incident li kellha sitt snin ilu.

Hija irkuprat il-muvimenti fl-id il-leminija b'xi limitazzjonijiet fl-ammont kemm jistghu jitghawgu s-swaba l-werrej u tan-nofs ta' l-istess id.

L-infezjoni li ghandha fid-difer tas-seba il-kbir ikkagunat minn fungu u difficli tghid bic-cert jekk kienx kagun ta' l-accident jew le.

Il-limitazjoni tal-moviment fis-seba tan-nofs u tal-werrej ta' l-id il-leminija jista jillimita lil Borg jekk ser taghmel ponn ghax ma tkunx tista taghlaq das-swaba bis-shih;

Jiena nistma d-dizabilita li sofriet Borg kagun ta' l-accident li kellha sitt snin ilu ta' 1% (wiehed fil-mija)."

Ikkunsidrat :

Illi il-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl- Artikolu 1045 tal-Kodici Civili.

Illi f'din il-materja ma hemmx regoli fissi, ma hemmx *quantitative scale* tad-danni peress illi kollox jiddependi mic-cirkostanzi partikolari tal-kaz li jkun. Skond il-Ligi taghna l-likwidazzjoni tad-danni tinqasam f'zewg partijiet, id-danni attwali (damnum emergens) u t- telf ta' qliegħ futur (lucrum cessans).

Illi fir-rigward tad-damnum emergens dawn normalment huma d-danni attwali u effettivi sofferti mid-danneggjat u mhux soltu jaghtu lok ghal kontroversja.

Illi fil-kaz odjern l-ispejjez inkorsi mill-attrici ghall-fini ta' damnum emergens jikkonsistu, skond ma xehdet l-istess attrici, f'hamsin lira Maltin (LM50) li hallset lill-ispecjalista u fis-somma ta' madwar disghin lira Maltin (LM90) li hallset ghal terapija, izda l-attrici ma ipprezentat l-ebda ircevuta sabiex tipprova li effettivament hi hallset dawn l-ispejjez.

Illi fir-rigward ta’ lucrum cessans, il-Qrati taghna, fil-pronunzjament taghhom dwar il-kriterji li ghandhom jintuzaw biex jaghmlu tajjeb ghall-incertezzi ta’ likwidazzjoni ta’ danni qatt ma irrinuzjaw ghall-fakolta’ diskrezzjonali taghhom. Illi, ghal numru ta’ snin il-Qrati taghna kienu isegwu il-metodu stabbilit fil-kawza ‘Butler vs Heard’.

Izda fil-kaz odjern ma giet stabbilita ebda percentwali ta' danni permanenti fl-attrici li tista' tittiehed bħala bazi ghall-likwidazzjoni tad-danni, ikkalkolata fuq dan il-metodu.

Illi f’kazijiet bhal dawn huwa necessarju illi wiehed jindaga ir-rapport ta’ kawzali bejn il-kondotta ta’ l-attrici u l-event dannuz u dan sabiex tigi stabbilita il-kawza prossima ta’ l-incident.

Illi l-Qorti trid tara ukoll jekk kienx hemm il-konkors ta’ xi kolpa da parte tal-attrici meta sehh l-incident.

Illi dwar il-paga illi kienet taqla, l-attrici ma ipprezentatx id-dokument FS3, izda fl-affidavit taghha xehdet illi kienet taqbad madwar erbgha u disghin lira (LM94) kull hmistax u dan l-ammont ma gie bl-ebda mod ikkontestat mis-socjeta’ konvenuta.

Illi gie ippruvat ukoll illi l-fabbrika tas-socjeta’ konvenuta ghalqet xahrejn wara li sehh l-incident in kwistjoni.

Ghalhekk il-Qorti qeghda tezercita id-diskrezzjoni taghha u ser tahdem fuq il-paga ta’ disghin lira Maltin (LM90) kull gimghatejn illi iwasslu ghas-somma ta’ erbgha u hamsin lira Maltin (LM54) fil-gimgha illi multiplikati b’tnejn u hamsin iwasslu ghas-somma ta’ elfejn tlett mija u erbghin lira Maltin (LM2,340) fis-sena u cioe’ is-somma ta’ hamest elef erbgha mija u hamsin ewro u tlieta u seghin centezmu (€5450.73).

(LM90 kull gimghatejn = LM45 fil-gimgha = LM45 x 52 =
Lm2340 fis-sena = €5450.73)

Illi fir-rigward tal-percentagg ta’ disabbilita il-multiplier skond Mr Grixti, l-espert mediku mahtur mill-Qorti, huwa ta’ 1%  u il-Qorti tirrileva li s-socjeta’ konvenuta ma ikkontestatx dan il-percentagg.

Illi l-Qorti tikkondividi pjenament il-konkluzjonijiet tal-perit mediku minnha mahtur u dana peress illi ma ghandha l-ebda konvinzjoni kuntrarja li hija ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni medika lilha sottomessa mill-espert mediku, aktar u aktar meta s-socjeta’ konvenuta ma ipprevalietx ruhha mill-fakolta` lilha moghtija ghan-nomina ta’ periti addizzjonali, ma ipprezentat l-ebda nota ta’ kritika, ma ghamlet l-ebda domanda lill-perit mediku in eskussjoni tar-rapport tieghu u lanqas ma ipprezentat xi nota ta’ sottomissjonijiet f’din il-kawza.

Ikkunsidrat :

Illi fir-rigward tal-multiplier, il-gurisprudenza nostrana hija fis-sens illi l-kriterju ta’ kif wieħed iqis il-kejl tal-multiplier huwa wiehed li jaghti diskrezzjoni lill-gudikant, illi ghandu jqis u jiżen ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u jaghti kumpens b’haqq u gustizzja u mhux b’xi formulazzjoni empirika matematika.

Ikkunsidrat :

Illi l-attrici fl-affidavit taghha mahluf minnha fis-6 ta’ Settembru 1999, xehdet illi kellha 48 sena u gie stabbilit illi l-incident sehh fl-10 ta’ Lulju 1996.

Ikkunsidrat :

Illi fir-rigward tal-lump sum payment l-attrici tissottometti illi ma ghandhiex titnaqqas.  Il-Qorti rat illi mill-atti jirrizulta li kienet is-socjeta’ konvenuta illi tawwlet il-kawza u ghalhekk mhix ser tapplika il-“lump sum deduction.”

Illi ghalhekk, wara li l-Qorti qieset il-fatturi kollha, inkluz l-eta ta’ l-attrici meta sehh l-incident in kwistjoni, ser tikkomputa il-lucrum cessans bil-mod kif gej :

Ammont ta’ hlas a bazi ta’ paga ta’ disghin lira Maltin (LM90) kull gimghatejn, jigifieri erbgha u hamsin lira Maltin (LM54) fil-gimgha, moltiplikati b’tnejn u hamsin jaghtu is-somma ta’ elfejn tlett mija u erbghin lira Maltin (LM2,340) fis-sena, li jwasslu ghas-somma ta’ hamest elef erbgha mija u hamsin ewro u tlieta u seghin centezmu (€5450.73). Il-Qorti ser taddotta il-multiplier ta’ hmistax peress illi ir-rapport mediku jaghti il-grad ta’ dizabbilita permanenti bhala 1%. Ghaldaqstant ir- rizarciment tad-danni subiti mill-attur ghall-lezjoni taghha ghandha tkun is-segwenti:

**5450.73 x 15 x 1% = €817.61**

Illi kif diga intqal mhux ser issir lump sum deduction.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti mhix ser takkorda damnum emergens lill-attrici peress illi hija ma ippruvatx dawn id-danni permezz ta’ ircevuti, jew xiehda ta’ tobba jew fizjoterapisti.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta qeghda tilqa it-talbiet attrici u tillikwida id-danni sofferti mill-attrici bhala lucrum cessams fl-ammont ta’ tmien mija u sbaghatx il-ewro u wiehed u sittin centezmu (€817.61) u konsegwentement qeghda tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lill-attrici din is-somma ta’ tmien mija u sbaghatx il-ewro u wiehed u sittin centezmu (€817.61), bl-ispejjez kif mitluba u bl-imghax mid-data ta’ din is-sentenza kontra is-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------